VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

28 ta' Awwissu 2025

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

PREŻENTI:

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Vincent Fabri – Kunsillier
Daniel Diacono – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI:
Nil

ASSENTI
Alfred Zammit – Vici Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 17.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.0.1 nil

## 17.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 16 kienu ikkonfermati

Il-laqgha giet sospiza biex il-membri ta' l-entitajiet tal-infurzar jitkelmu dwar ix-xoghol li qed iwettqu fil-Belt Kapitali.

l-entitajiet li kienu raprezentati huma Malta Tourism Authority, Transport Malta, Era, Awtorita tal-Ipjannar u l-Community Police.

Il-membri kollha kellhom ic-cans li jitkellmu, u l-membri tal-Kunsill kellhom ic-cans li jistaqsu. Id-diskussjoni kienet wahda pozittiva.

## 17.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.2.1 Is-Sindku Olaf Mckay informa li gie iffirmat ir-renewal mal-Embassy Cinemas biex it-tfal beltin li jkunu kkumpanjati mal-genituri jkunu jistghu jaraw film bla hlas.

17.2.2 Is-Sindku Olaf Mckay informa li gie ffirmat agreement mal-Valletta Cultural Agency biex l-anzjani jkunu jistghu juzaw il-premises tal-Valletta Design Cluster.

17.2.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa li kellu laqgha mal-president tal-Valletta Fc, Dr Claudio Grech fejn gie pprezentat bi proposta biex il-kunsill jkun jista' jaghti sostenn lil Valletta Fc ghal perjodu ta' zmien. Is-Sindku nforma wkoll li ghal din il-proposta huwa se jaghti kontroproposta fejn ha jaqsam il-proposta fi tlieta, wahda fuq il-parking tal-Yellow Garage, wahda fuq advertising biex jaghmlu uzu mill-bye law li diga hija ezistenti, u iehor fuq il-gnien hastings biex issiru avvenimenti minn sponsors tal-Valletta Fc. Il-membri tal-kunsill prezenti staqsew x'ser ikun fih dan il-ftehim u kollha qablu li s-sindku ghandu jipprezenta kopja ta' dan il-ftehim biex l-membri tal-kunsill ikunu jistghu jaraw fuq xiex ser ikun il-ftehim.

17.2.4 Sar qbil li fil-laqgha li jmiss il-kunsill kollhu se jinghata aktar dettalji sadanittant ser jigi kreat sotto-kumittat li se jkun iffurmat mis-Sindku, mill-Kunsilliera Roberta Bonello u l-Iimpjegat Matthew Carbonaro biex minn hawn issir policy kif entitajiet (NGO's) ikunu jistghu jsibu sostenn mill-kunsill.

17.2.5 Is-Sindku Olaf Mckay informa li nhar l-24 ta' Settembru ser issir attivita gewwa l-gnien ta' Hastings ghall-persuna b'dizabbilita, il-kunsill ser ikun qed jghin billi jaghti l-gnien ta' Hastings, ser jipprovdi dawl, tinda u jorganizza bibita. Il-Ministeru ser jaddi 5000 euro ghal hlas ta' pjanti fejn il-procurement sar mil-ministeru. Sar qbil dan ghandu jigi prezentat lil kunsill peress li l-hlas lill-kuntrattur ser isir mil-kunsill.

17.2.6 Is-Sindku Olaf Mckay Informa li rcieva korrispondenza minn Ruma dwar il-possibbilta li jsir MOU, dawn talbu laqgha nhar 10 ta' Settembru fejn is-Sindku ddellega l-attendenza ta' din il-laqgha mal-kunsillier Daniel Diacono.

17.2.7 Is-Sindku Olaf mckay fakkar fl-input ghall-kunsilliera ghal magazine li se jinhareg dwar l-ewwel sena hidma.

17.2.8 Is-Sindku Olaf Mckay fakkar dwar l-input mill-kunsilliera tal-Bye Laws li gew prezentati fil-laqgha precedenti.

17.2.9 Is-Sindku Olaf Mckay Informa dwar stediena li ghandu l-kunsill Lokali minn Piazza Aremerina gewwa Sqallija biex nippartecipaw fis-Solenne Investitura del Sovrano Ordine Ospedaliero di San Giovanni di Gerusalemme bejn is-17 u 19 ta' Ottubru.

17.2.10 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ser ikun qed jattendi konferenza dwar il-Block chain nhar it-Tlieta 2 ta' Settembru fejn gie mistieden jaghmel l-opening speech.

17.2.11 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ser ikunu qed jitwahlu tabelli madwar il-Belt biex turisti jilbsu ilbies dicenti.

## 17.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

17.3.1

## 17.4 Rapporti / Mozzjoni

17.4.1 nil

## 17.5 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

17.5.1 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li kelmuha persuni dwar il-fan-zone tal-Valletta Fc, fejn qalulha biex il-kunsilliera jattendu biex anke jiehdu ritratt flimkien.

17.5.2 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li fiz-zona tal-flats ta' Bieb il-Belt, hemm infestazzjoni ta' hornets u talbet lill-kunsill jekk tistax tinghata ghajnuna. Gie approvat li jinxtara jew spray jew il-bramel apposta.

17.5.3 Il-Minority Leader Ylenia Montfort issuggeriet li fi triq San Bastjan jizdiedu bollards tal-plastic f'nofs it-triq, biex is-sewwieqa ma jkunux jistghu jaghmlu u-turns. Il-kunsill qabel dwar dan.

17.5.4 Il- Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li qed jipprezenta dokument li gie mibghut mill-active ageing dwar il-premju anzjanita attiva. Huwa spjega kif din is-sena l-applikazzjoni hija mqassma f'diversi setturi, l-kunsill approva l-lista preparata mill-kunsillier Azzopardi u l-kunsill qabel dwar dan.

17.5.5 Il-kunsillier Raymond Azzopardi nforma li wara li tkellem mas-segretarju Ezekuttiv ser jibda ix-xoghol ta' tindif tal-culverts qabel tibda x-xitwa bhal kull sena. Il-kunsill qabel dwar dan.

17.5.6 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma ltaqa' mal-kumpanija AX Holdings, dwar csr event ta' tindif. Il-kunsill approva li l-clean up issir fiz-zona ta' Victoria Gate.

17.5.7 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li bhal dawn l-ahhar snin il-kunsill kien qed jipartecipa billi jiprovdi PA system u xi affarijiet ohra.

17.5.8 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li rceviet korispondenza mir-Regjun Port dwar fondi allokati mir-regjun ghal kunsilli. Ghadu ma sarx qbil kif jistghu jintefqu dawn il-flus.

## 17.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 17.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 17.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

17.8.1 Gunju/Lulju 2025

Il-Kunsill aġġorna għal- ta' 16 ta' Settembru 2025 17.00hrs

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Olaf McKay<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |